**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 10 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 391/02AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Rita Borg Xuereb sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Rita Borg Xuereb**

**vs**

**Joseph Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm136.50), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Frar 2000 bejn vettura bin-numru ABH 389 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru CAG 519 propjeta ta' l-attrici Rita Borg Xuereb, u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u jikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Frar 2000 bejn il-vettura misjuqa minn Joseph Borg Xuereb (numru CAG 519) u vettura misjuqa mill-konvenut (numru ABH 389).

2. Mix-xhieda moghtija minn Joseph Borg Xuereb irrizulta bl-iktar mod cjar li l-konvenut huwa responsabbli ghall-akkadut. Sahansitra, kien ukoll accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsara u tkellem mas-sewwieq tal-vettura bin-numru CAG 519 li kellu jmur ghand it-tellar sabiex isewwi l-hsara. Sahansitra fl-okkorrenza tal-pulizija, jirrizulta li l-konvenut qal li *"lest li jaghmel tajjeb ghal xi hsarat li ikkawza fil-vettura numru CAG 519"*. Dikjarazzjoni li fiha nnifisha hija ammissjoni ta' htija.

3. Dwar id-danni reklamati, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati (ara Dok. MA1).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Frar 2000 gewwa Hal Qormi.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm136.50) in lineja ta' danni.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba, u bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**